KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 35/7/194/17

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

*l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2017. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |

**Assenti b'apoloġija**

(Skont Ordni

Permanenti 14A (3):

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kienet twasslet l-ebda ittra ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.34 ġew approvati *nem com* wara korrezzjoni kif mitluba mill-kunsillier Lynch marbuta mal-punt nr 9.2 fejn ġie ċċarat li huwa kien skużat fil-laqgħa imsemmija.

2.2. Dwar Jum Paola il-Kunsillier Roderick Spiteri xtaq jgħid prosit lil kull min ħadem fuq din l-attività li kienet tassew ta' kwalità. Il-Kunsillier Lynch xtaq ukoll jirringrazzja lil kull min ta' sehmu.

2.3. Dwar punt nr. 9.1 il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn jiżdied id-dawl fi Ġnien Lorry Sant. Il-membri qablu li għandom jiżdiedu żewġ bozoz fl-akwata.

2.4. Dwar punt 10.1 il-Kunsillier Roderick Spiteri xtaq jistaqsi jekk hemmx żviluppi fuq Ġnien Dom Mintoff fid-dawl tal-problema tal-parkeġġ. Is-Sindku qal li ser jinforma lil membri dwar dan aktar il-quddiem f'din il-laqgħa.

*Il-Kunsillier Ivan Bartolo daħal issa.*

2.5. Dwar il-punt fuq l-istaff, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-impjegat Keith Parnis ser jintbagħat kors tal-photoshop kif kien ssuġġerit fl-laqgħat passati. Il-Viċi Sindku qal li għandom ukoll ikunu offruti korsijiet lill-istaff kollu dejjem jekk huma ikunu interessati.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mill-*Al Jolson international Society* li huma ibbażati fi New York bħala apprezzament lil Kunsill għall-wirja li sargħet marbuta mal-ewwel film talkies.

3.2. Rapport marbut mal-ġbir ta' skart fejn jidher li żdied l-ammont ta' skart riċiklabbli miġbur fil-lokalita meta kkomparat mal-2016.

3.3. Talba mingħand residenta ta' Paola u voluntiera mal-ALS Malta Laura Camilleri sabiex tiġi organizzata fun run/walk fil-lokalita ta' Paola bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u tkun b'risq l-ALS. Il-membri approvaw.

## 4. Milied 2017

4.1. Il-Kunsillier Bernard Lynch informa lil membri illi l-party tal-anzjani ser isir fl-14 ta' Diċembru ġewwa l-Palace Hall u ser ikun hemm entertainment provdut minn Renato u Alfred Zerafa. Kompla li fil-ġranet li ġejjin ser jitkompla ix-xogħol marbut mal-*catering* u x-xorb.

4.2. Dwar it-tiżjin tal-Milied is-Sindku ippropona li jerġa jingħata sussidju fuq l-armar tal-milied kif ġej €1,100 lis-Soċjetajiet ta' Kristu re, €700 Soċjeta Fil 11 ta' Frar u €500 Għaqda Nar u Armar Madonna ta' Lourdes hekk kif dawn tal-aħħar kienu jirrifjutaw li iżidu l-armar jekk jingħataw l-ammont ta' €700. Il-Kunsillier Spiteri qal li tkun idea sabiħa kieku issa la jkollna l-Pjazza jiġi armat il-presepju li kien hemm il-Vatikan is-sena l-oħra. Is-Sindku qal li din hija idea sabiħa però taf tkun diffiċli u qal li ser jesplora dan anke fid-dawl li huwa jaf lill-artist.

4.3. Dwar l-attività Milied f'Casal Paola is-Sindku informa lil membri illi grazzi għas-Segretarjat għall-Gvern Lokali ser ningħataw l-għajnuna sabiex tiġi organizzata din l-attività. Is-Sindku kompla li fil-laqgħa li sargħet mas-Soċjeta de Paule dwar din l-attività kien hemm qbil li issir laqgħa mal-ħwienet sabiex dawn ikunu infurmati dwar din l-attività u t-tiżjin tal-Milied, liema laqgħa ser issir din il-ġimgħa. Hawnhekk il-Kunsillier Bartolo qal li sfortunatament huwa ma kienx infurmat b'din il-laqgħa meta huwa il-kunsillier inkarigat mill-ħwienet u qal li sar jaf min-nies tal-ħwienet stess. Is-Sindku qal li din il-laqgħa issemmiet wkoll f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

4.4. Is-Sindku informa lil membri illi fil-5 ta' Jannar ser issir attività għat-tfal fil-Birdpark tas-Salini.

## 5. Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi dwar Ġnien Lorry Sant ser jiltaqa' mal-Kunsillier Spiteri sabiex tissewwa il-problema fid-dawl tal-ġnien.

5.2. Dwar Ġnien Dom Mintoff is-Sindku informa lil membri li fid-dawl tat-tibdil li sar fid-dekasteri tal-Ministri kien hemm xi problemi marbuta mal-immaniġġjar tal-proġett però issa huwa appik li l-proġett jitkompla b'mod normali.

5.3. Dwar il-Pjazza is-Sindku informa lil membri illi tkomplew il-laqgħat li qed isiru fil-Kunsill kull ġimgħa. Qal ukoll li issa ser jitressqu l-barriers sabiex tinfetaħ it-triq kollha minn quddiem id-De Paule sal-Hibs. Il-membri tal-Kunsill ilmentaw li l-immaniġġjar tat-traffiku irid jitranġa għax jidher li hemm xi nuqqasijiet. Is-Sindku qal ukoll li hemm problemi fl-infurzar u dan kollu qed ikun diskuss ma' dawk li qed imexxu l-proġett.

5.4. Is-Sindku qal li xi residenti informawh li l-kunsillier Bartolo kien irrefera għalih bil-kelma "pulċinell" fuq ir-radju. Is-Sindku kompla li jekk huwa kien qed jitkellem fuq is-suġġett tat-toroq kien il-Kunsill kollu li approva li dawn ma jsirux għax ser isiru mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Bartolo irrisponda li huwa m'għajjarx lil kulħadd u kompla billi qal li iva it-toroq hemm bżonn isiru mill-aktar fis. Kompla billi qal li s-Sindku d-deċiżjonijiet waħdu jeħodhom u hawnhekk is-Sindku irrisponda li din id-deċiżjoni ittieħdet mill-Kunsill kollu.

## 6. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

6.1. Il-Kunsillier Muscat qal li avvicinawh residenti li iridu li isir xi dawl fic-*central strip* fejn hemm l-istatwa tal-Madonna. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara dan jistax isir u l-ammont ta' spejjeż involuti.

6.2. Il-Kunsillier Muscat qal ukoll li għanda tinġibed l-attenzjoni tal-Gvern għall-abbuż li qed isir fil-grawnd tas-Shrieber fejn fost l-oħrajn hemm kmamar li huma miftuħa u qed jintużaw għall-abbuż. Il-membri approvaw li għanda tinġibed l-attenzjoni tas-Segretarjat għall-Gvern Lokali fid-dawl li bħalissa dan jinsab fir-responsabiltà tal-istess Segretarjat.

6.3. Il-Kunsillier Muscat talab sabiex ikun infurmat bil-progress tal-plakka li kellha issir fi Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku irrisponda li qed isir ix-xogħol fuqha.

6.4. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar l-istat ambjentali ta' Triq l-isqof Pietru Pace fejn jidher li qed isir xi abbuż minn residenti tal-akwata. Is-Sindku irrisponda li ilhu isir xogħol fl-akwata anke mill-Pulizija però l-problema baqgħat ma s-solvietx. Is-Sindku irrimarka li l-Pulizija trid tieħu azzjoni.

## 7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-pagament tal-fotografu ta' Jum Paola u staqsa fejn kienu dawn ir-ritratti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier illi dawn kienu fuq facebook tal-Kunsill kif ukoll ingħataw lil Kunsill fuq CD. Il-Viċi Sindku xtaq iżid illi jkun tajjeb li nqassmu ftit ix-xogħol biex nagħtu opportunitajiet lil fotografi differenti.

7.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 35 għas-somma ta' €43,203.43.

## 8. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017.

8.2. Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |